MALTA

# QORTI TAL-APPELL
**(Sede Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tat-8 ta' Mejju, 2024

Appell Inferjuri Numru 78/2023 LM

**Anthony Scicluna**
*('l-appellat')*

***vs.***

**Alvin Scicluna**
*('l-appellant')*

**Il-Qorti,**

## <u>Preliminari</u>

1. Dan huwa appell magħmul mill-intimat **Alvin Scicluna (K.I. nru. 664G)** [minn issa 'l quddiem 'l-appellant'], mid-deċiżjoni mogħtija mit-Tribunal tal-Appelli dwar l-Informazzjoni u l-Protezzjoni tad-Data [minn issa 'l quddiem 'it-Tribunal'], fis-6 ta' Lulju, 2023 [hawnhekk 'id-deċiżjoni appellata'], li kkonferma d-deċiżjoni tal-Kummissarju għall-Informazzjoni u l-Protezzjoni tad-Data [minn

issa 'il-Kummissarju'] tal-11 t'Awwissu, 2021, fil-każ imressaq mir-rikorrent **Anthony Scicluna (K.I. nru. G)** [hawnhekk 'l-appellat'].

**Fatti**

2. Permezz tat-talba tiegħu lill-Kummissarju, ir-rikorrent spjega li huwa proprjetarju fi kwota ta' sesta parti indiviża (1/6) ta' porzjon art akbar li tinsab fi Triq San Pawl, il-Munxar. Bħala retroxena, ir-rikorrent spjega li l-intimat, flimkien ma' oħt u omm il-partijiet, li illum ġiet nieqsa, kienu ad insaputa tiegħu, dehru fuq kuntratt ta' donazzjoni u diviżjoni ta' parti mill-art b'mod li l-intimat ġie assenjat kwota ta' ħames sesti (5/6) indiviżi ta' porzjon minn din l-art, filwaqt li oħt il-partijiet ġiet assenjata kwota ta' ħames sesti (5/6) indiviżi ta' porzjon ieħor tal-art. Spjega kif minkejja dan, huwa baqa' l-pussessur leġittimu tal-intier tal-art, kemm ta' dik li parti li kwota indiviża minnha ġiet assenjata lill-intimat, kif ukoll tal-parti l-oħra li kwota indiviża minnha ġiet assenjata lil oħt il-partijiet. Dak li qanqal il-kwistjoni quddiem il-Kummissarju kien il-fatt li l-intimat installa żewġ kameras tas-CCTV fuq din l-art, bir-riżultat li r-rikorrent ilmenta li dan jammonta għal ipproċessar tad-*data* personali tiegħu bi ksur tad-disposizzjonijiet tar-Regolamenti 2016/679 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data).

3. Min-naħa tiegħu l-intimat wieġeb li din l-art tinsab fin-naħa ta' wara tad-dar tiegħu, u tappartjeni lilu kwantu għall-kwota ta' ħames sesti (5/6) indiviżi. Qal li fil-preżent hemm kawża l-Qorti bejn il-partijiet fir-rigward tal-akkwist tar-

rimanenti sest indiviż. Qal li l-uniku aċċess għal din l-art huwa mid-dar tiegħu, u r-rikorrent m'għandu l-ebda aċċess għal din l-art, u fil-fatt ma jistax jidħol fiha. Qal li l-art hija konnessa mad-dar tiegħu permezz ta' bieb, u l-kameras in kwistjoni twaħħlu mal-ħajt tad-dar tiegħu, u jkopru ħajt li jiġi fuq in-naħa ta' wara tal-għalqa, li minnu bniedem jista' jixxabbat u jidħol fid-dar tiegħu. Qal ukoll li l-art hija ferm akbar mill-parti li tinqabad mill-kameras, iżda l-interess tiegħu huwa li jassikura l-imsemmi ħajt. Qal li dawn il-kameras ma twaħħlux b'mod illegali, u m'huma jtellfu l-privatezza ta' ħadd, għaliex l-pussess tal-art in kwistjoni huwa mħolli f'idejh biss.

4. Il-Kummissarju, fil-konsiderazzjoni tiegħu tal-każ, qal li kieku l-intimat ried li l-attività ta' ipproċessar tad-*data* titqies bħala waħda privata, u li għaliha tapplika l-eżenzjoni domestika, il-kameras tas-CCTV kellhom jiġu pożizzjonati b'tali mod li jaqbdu biss ir-residenza privata tiegħu, iżda mill-*image grabs* ipprovduti fil-kors tal-investigazzjoni, jirriżulta li minkejja li l-intimat ried jipproteġi d-dar tiegħu, il-kameras bl-ebda mod ma jħarsu lejn id-dar tiegħu. Il-Kummissarju qal ukoll li rriżulta li l-intimat mhux l-uniku sid ta' din l-għalqa. Spjega li fil-kors tal-investigazzjoni tiegħu, huwa ordna lill-intimat jieħu azzjoni korrettiva sabiex jiżgura li l-kameras jimmonitorjaw biss id-dar tiegħu, fil-parti li tmiss mal-għalqa, u b'hekk ordna li l-kamera li tħares direttament fuq l-għalqa għandha titneħħa, filwaqt li l-kamera l-oħra għandha tiġi aġġustata b'mod li tkun tħares lejn id-dar tal-intimat.

5. Ir-rikorrent appella minn din id-deċiżjoni quddiem it-Tribunal tal-Appelli dwar l-Informazzjoni u l-Protezzjoni tad-Data, li min-naħa tiegħu ta deċiżjoni tiegħu fis-6 ta' Lulju, 2023.

## Id-Deċiżjoni Appellata

6. Permezz tad-deċiżjoni mogħtija fis-6 ta' Lulju, 2023, it-Tribunal iddeċieda li l-appell tal-intimat għandu jiġi miċħud, filwaqt li kkonferma d-deċiżjoni tal-Kummisarju tal-11 ta' Awwissu, 2021, wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

*"It-Tribunal*

*Preliminarjament jiġi rilevat li r-risposta għal dan l-appell bi żvista l-appellat preżentaha fil-Qorti ta' Għawdex u fis-seduta tal-24 ta' Marzu, 2022 dan it-Tribunal informa lill-partijiet li dan l-appell ġie a konjizzjoni tiegħu mill-Qorti ta' Għawdex u l-appellanti talab sabiex jippreżenta r-risposta tiegħu għal dan l-appell. Il-partijiet irrimettew ruħhom u t-Tribunal laqa' t-talba tal-appellat.*

*Rigward dan l-appell, dan huwa appell ta' Alvin Scicluna mid-deċiżjoni tal-Kummissarju għall-Informazzjoni u l-Protezzjoni tad-Data tal-11 ta' Awwissu, 2021 li permezz tiegħu qed jitlob li tiġi mħassra d-deċiżjoni tal-Kummissarju għall-Informazzjoni u Protezzjoni tad-Data fl-ismijiet premessi tal-11 ta' Awwissu, 2021.*

*Illi din il-kwestjoni tittratta żewġ cameras li twaħħlu mill-appellanti fuq in-naħa ta' wara tad-dar tiegħu li jagħtu fuq għalqa li hija aċċessibbli skont l-appellanti unikament mid-dar tiegħu liema għalqa l-appellanti għandu sehem indiviż ta' ħamsa minn sitta (5/6) filwaqt li l-appellat li jiġi ħuh għandu sest (1/6) indiviż.*

*Fid-deċiżjoni tiegħu tal-11 ta' Awwissu, 2021 il-Kummissarju ddeċieda li l-appellat Alvin [sic!] Scicluna għalkemm għandu sest indiviż tal-proprjetà, iż-żewġ* cameras *installati mill-appellanti qed jiġbdu lill-istess appellat meta huwa jaċċedi għal din l-għalqa u ordna lill-appellanti sabiex il-camera li tinstab istallata fuq il-ħajt li tagħti direttament għal fuq din l-għalqa tiġi mneħħija u l-camera l-oħra tiġi aġġustata sabiex tagħti biss għar-residenza privata tal-appellanti u jekk dan mhux possibbli din il-kamera għandha titneħħa u ta għoxrin (20) ġurnata lill-appellanti biex jagħmel dan.*

***Aggravji tal-appellanti***

*Li l-aggravji tal-appellanti huma dawn li ġejjin:*

- *Li d-deċiżjoni titħassar u l-proċess jerġa' jiġi rimess lura quddiem il-Kummissarju għad-deċiżjoni;*

- *In-nullità tal-proċedura stante li l-Kummissarju ma ħa ebda xhieda bil-ġurament u qagħad fuq mera allegazzjonijiet;*

  *li d-deċiżjoni tal-Kummissarju hija manifestament żbaljata għaliex bażata fuq fatti foloz u inveritieri stante li dak li jikkontendi l-appellat ċioe li huwa għandu aċċess għal din l-art u provda xi ritratti (li l-esponenti qatt ma ra) dan mhux minnu għaliex l-għalqa li fuqha jagħtu l-cameras hi mdawra b'ħajt tas-sejjieħ għoli bi sqaq fuq in-naħa l-oħra u l-uniku aċċess huwa mid-dar tal-appellanti; li r-ritratti li esebixxa l-appellat biex ħadhom klandestimaent ixxabbat u qabeż fil-ġardina u ħa xi ritratti unikament għall-okkażjoni u dan biex falsament jagħti l-impressjoni li hu għandu aċċess għal din l-art;*

  *li l-appellant li għandu 5/6 sehem indiviż u l-appellat għandu 1/6 għandu kull dritt jikkawtela ħwejġu u l-liġi tagħti dritt lil kull koproprjetarju sabiex jagħmel l-atti kollha spettanti lis-sid u għandu kull dritt li jikkawtela ħwejġu permezz ta' dawn il-cameras speċjalment meta dik l-art hija konnessa mad-dar tar-residenza tiegħu u hija fil-pussess esklussiv tiegħu.*

***Dikjarazzjoni tal-Kummissarju għall-Informazzjoni u l-Protezzjoni tad-Data***

*Fid-dikjarazzjoni tal-każ il-Kummissarju talab li d-deċiżjoni tiegħu tal-11 t'Awwissu, 2021 tiġi kkonfermata u spjega li huwa talab lill-appellanti sabiex jipprovdi kopja tal-*image grabs *meħudin mill-filmat tal-kameras ta' CCTV installati għal fuq l-għalqa in kwistjoni u wkoll jindika b'mod speċifiku liema żoni qegħdin jiġu konstantament immoniterjati permezz ta' dawn il-kameras tas-CCTV. L-appellanti permezz ta' ittra tas-6 ta' Lulju, 2021 mibgħuta għan-nom tiegħu mill-avukat tiegħu, irrisponda li l-art li qed tiġi moniterjata tiġi fin-naħa ta' wara tad-dar tiegħu, li huwa għandu ħamsa minn sitta (5/6) sehem indiviż filwaqt li l-appellat għandu sest (1/6) indiviż; li l-uniku aċċess għal din l-għalqa huwa mid-dar tiegħu biss u li għalhekk l-appellat ma għandu l-ebda aċċess għall-art li qiegħda tiġi sorveljata; li l-kameras twaħħlu mal-ħajt tad-dar tiegħu u jkopru ħajt li jiġi fuq in-naħa ta' wara tal-għalqa li minnu bniedem jista' jixxabbat u jidħol fl-għalqa.*

*Illi għalhekk l-appellanti jikkontendi li stante li ħuh l-appellat ma għandux aċċess għal din l-għalqa dawn iż-żewġ cameras ma jistax jingħad li huma qed jaqbdu lill-appellat.*

*Il-Kummissarju mill-banda l-oħra jikkontendi li ġialadarba din l-għalqa ma tappartjenix esklussivament lill-appellanti ma tistax tiġi kkunsidrata li taqa' taħt it-tifsira ta'* "attività personali jew domestika" *fis-sens tat-tieni inċiż tal-artikolu 3(2) tad-Direttiva 95/46 u li għalhekk l-artikolu 2(2) tar-Regolament 2016/679/EC li jittratta każijiet fejn persuna tipproċessa data personali matul attività purament*

*personali jew domestika li taqa' barra mill-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament 2016/69/EC ma tapplikax f'dan il-każ.*

*Il-Kummissarju jispjega li permezz ta' ittra datata 28 ta' Ġunju, 2021 huwa talab lill-appellant sabiex iressaq is-sottomissjonijiet tiegħu biex b'hekk ikun jista' jiddefendi ruħhu kontra l-allegazzjoni mressqa fil-konfront tiegħu; li talbu jipprovdi kopja tal-* image grabs *meħudin mill-filmati tal-kameras ta' CCTV installati għal fuq l-għalqa u jindika wkoll b'mod speċifiku liema żoni qegħdin jiġu konstantement immoniterjati permezz ta' dawn il-kameras tas-CCTV; li l-appellanti permezz ta' ittra mibgħuta mill-avukat tiegħu fis-6 ta' Lulju, 2021 irrisponda li l-art li qed tiġi moniterjata tiġi fin-naħa ta' wara tad-dar tiegħu u li din l-għalqa huwa għandu 5/6 u l-appellat għandu 1/6 u li l-aċċess għal din l-għalqa huwa mid-dar tiegħu biss u li dawn il-cameras li twaħħlu mal-ħajt tad-dar tiegħu jkopru ħajt li jiġi fuq in-naħa ta' wara tal-għalqa li minnu bniedem jista' jixxabbat u jidħol fl-għalqa. Li mill-*image grabs *preżentati lilu mill-appellanti rriżulta li dawn ma jħarsux lejn id-dar tiegħu għalkemm huwa jikkontendi li dawn il-cameras huwa stallahom sabiex jipproteġi r-residenza privata tiegħu: kif ukoll li għalkemm l-appellanti jikkontendi li dawn il-kameras installahom minħabba li fil-passat huwa sofra theddid l-appellanti naqas milli jipprovdi evidenza konkreta u suffiċjenti sabiex effettivament jiġġustifika kif dan l-ipproċessar tad-data personali huwa tabilħaqq neċessarju sabiex jipprevjeni theddid skont l-artikolu 6(1)(f) tar-Regolament 2016/679/EC.*

*Li l-ordni tiegħu hija sabiex il-kameras jiġu jħarsu biss lejn id-dar tiegħu li tmiss mal-għalqa – dik li tħares direttament fuq l-għalqa titneħħa filwaqt li l-kamera l-oħra tiġi aġġustata b'tali mod li din tħares lejn id-dar tal-appellanti u li b'hekk il-Kummissarju ma jistax jingħad li xekkel id-dritt tas-sigurtà tal-appellant.*

*Fir-risposta tiegħu l-appellat Anthony Scicluna jikkontendi li d-deċiżjoni tal-Kummissarju għandha tiġi kkonfermata; dwar l-aggravji tal-appellanti huwa jgħid li la l-appellanti jammetti li huwa ġie notifikat bl-ilment tiegħu u ingħata terminu ta' għoxrin (20) ġurnata biex jirrispondi, huwa kellu jitlob kopja tal-ilment lill-appellat; li ma jistax jingħad li l-appellat* [sic!] *ma kellux smigħ xieraq quddiem il-Kummissarju meta l-Kummissarju avżah bin-natura u bid-dettalji tal-ilmenti tal-appellat; dwar l-aggravju li jirrigwarda n-nuqqas ta' ġurament mill-Kummissarju lix-xhieda li sema' jew irċieva l-informazzjoni mingħandhom, f'dan il-każ l-appellanti, dan huwa frivolu u vessatorju għax mil-liġi ma jirriżultax li l-Kummissarju għandu jagħti ġurament; li ġialdarba dan ir-raba' mhux proprjetà esklussiva tal-appellanti huwa ma għandux raġun jgħid li la għal dan ir-raba' huwa biss għandu aċċess huwa jista' jagħmel il-cameras li jagħtu għal dan ir-raba' kif irid basta jagħtu għal dan ir-raba'; li l-appellat*

*bħala ko-proprjetarju li għandu dritt jidħol fil-proprjetà li għandu in komun mal-appellanti; li huwa qatt ma hedded lill-appellanti.*

***Provi***

*Ra x-xhieda ta' Alvin Scicluna (seduta 26 ta' Mejju, 2022) li permezz tagħha baqa' jikkontendi li l-cameras jagħtu għall-għalqa li l-appellat ma għandux aċċess għaliha u qatt ma kellu u li qiegħda mad-dar tiegħu; li camera minnhom qiegħda fuq il-post tiegħu kollu u tagħti għal mal-ħajt tal-għalqa u l-oħra qiegħda mal-post tiegħu tagħti għall-ħajt tal-għalqa n-naħa l-oħra. U fis-seduta tat-23 ta' Ġunju, 2023 huwa indika fid-Dok. JG01 (esebit ukoll fl-istess seduta bl-ittri X il-camera l-kbira li tmiss mal-passaġġ li taqbad il-ħajt tal-passaġġ markat bl-ittra 'Y' u indika fir-ritratti esebiti fl-istess seduta l-area li qed taqbad il-camera, ċioe l-ħajt markat Y ritratt R 2, R2, R3 u R7.*

*Ra l-affidavit ta' oħt l-appellanti* ***Maria Rita sive Rita Said*** *li spjegat li huma għaddew sehemhom ta' din l-għalqa lill-appellanti biex huwa ġie li għandu ħamsa minn sitta sehem (5/6) indiviż u li l-appellat ħuhom ma għaddilux sehmu li dan ir-raba' dejjem tafu mdawwar b'ħajt għoli tas-sejjieħ u tista' tidħol għalih biss mid-dar privata tal-appellanti u ma hemm ebda entratura oħra.*

*L-appellat* ***Anthony Scicluna*** *xehed (seduta l-1 ta' Diċembru, 2022) li huwa għandu sehem ta' 1/6 oħtu għandha 56 metri minnha u l-kumplament huhu għandu sehem ħutu l-oħra u ommu. Li din il-proprjetà ġejja mingħand iz-ziju li kien ġuvni u ħalliha lilhom b'wirt. Huwa jidħol f'din l-għalqa kif tidħol oħtu u jidħol l-appellant u l-aħħar li daħal kien fit-18 ta' Ottubru, 2022 għax huwa għandu dritt jidħol. Huwa jirreferi għal camera waħda biss li qed iddejqu u li ħa r-ritratti sabiex juri fejn hi din il-camera. Xehed li hemm kawża pendenti dwar min għandu dritt jidħol liema kawża għadha ma nqatgħetx.*

*L-appellanti fl-1 ta' Diċembru, 2022 ppreżenta sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Superjuri Sezzjoni Ġenerali tat-23 ta' Settembru, 2022 (kawża numru 92/2020 SG) fl-ismijiet Anthony Scicluna vs Saviour sive Scicluna u b'digriet tat-12 ta' Frar, 2022 l-isem tal-konvenut irid jiġi jaqra 'Alvin', liema sentenza skont l-appellanti hija* res judicata *u f'din is-sentenza l-Qorti laqgħet ir-raba' eċċezzjoni tal-konvenut Saviour sive Alvin Scicluna ċioe* "illi l-imsemmija kameras tas-sigurtà mwaħħlin mad-dar tal-konvenut bl-ebda mod ma qed jilledu xi dritt li għandu l-attur."

***Fl-affidavit tiegħu l-appellat Anthony Scicluna*** *(seduta 19 ta' Jannar, 2023) spjega li anke oħtu Josephine Muscat għandha sehem minn din l-art li huwa ta' ċirca 56 metru kwadru. Li huwa għadu jinsisti li jżomm dan is-sehem ta' sest indiviż; li l-appellanti*

*għadu qatt ma talab il-permess tiegħu sabiex dawn il-cameras jiġbdu video tal-proprjetà li huwa għandu sehem minnha u li dan huwa ksur tad-drittijiet ta' privatezza tiegħu. Huwa spjega li ma kienx appella mid-deċiżjoni tat-23 ta' Settembru, 2022 hawn fuq imsemmija għax kienet tirrigwarda proprjetà in komuni fejn il-Qorti kkonkludiet li la dawn il-cameras ma jagħmlux ħsara lill-proprjetà nfisha setgħu jibqgħu hemm. Huwa jirreferi għal dak li qed jikkontendi l-appellanti u oħtu fl-affidavit tagħha rigward li aċċess għal din l-għalqa huwa biss mir-residenza tal-appellanti u jgħid li dan mhux minnu għax hemm bieb li jidher fir-ritratt li huwa annessa mal-affidavit tiegħu li jipprovdi entratura minn art ta' terzi li huma werrieta taz-ziju tagħhom Franġisku jew Frenċ Scicluna li magħhom hemm kawża dwar parti mill-art tagħhom. Barra minn hekk hemm medda mill-ħajt tal-għalqa li huwa mwaqqa' u din il-parti tagħti aċċess dirett għall-art in kwistjoni minn art oħra biswitha. Għalhekk ma hux minnu li huwa ma għandux aċċess għal din l-art.*

*Ra l-verbal tas-seduta tat-13 ta' April, 2023 li permezz tiegħu l-appellat ippreżenta sentenza mogħtija fil-mori mill-Qorti tal-Appell per Prim Imħ. Mark Chetcuti fid-29 ta' Marzu, 2023 fl-ismijiet Saviour sive Alvin Scicluna vs Anthony Scicluna li permezz tagħha l-Qorti tal-Appell ċaħdet it-talba sabiex din l-art ai termini tal-artikolu 495A tal-Kodiċi Ċivili tista' tinbiegħ lil iben l-appellanti stante li sehem l-appellat ta' 1/6 mill-art sħiħa ta' 590 m.k. u mhux 1/6 mill-porzjon* "diviż" *bil-kejl ta' 534 m.k. mertu ta' din il-kawża; sar il-kontro-eżami tal-appellat u l-partijiet għalqu l-provi u ngħataw żmien biex jagħmlu nota ta' sottomissjonijiet.*

*Ra d-dokumenti kollha esebiti mill-partijiet u x-xhieda prodotta. Ra li l-appellanti biss ippreżenta n-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu u l-appellat li kellu sat-12 ta' Ġunju, 2023 baqa' ma ppreżenta ebda nota.*

*Ikkunsidra;*

***Dwar l-ewwel żewġ aggravji tal-appellanti***

*L-appellanti fl-ewwel żewġ aggravji tal-appell tiegħu jikkontendi li:*

*(i) id-deċiżjoni titħassar u l-proċess jiġi rimess lura quddiem il-Kummissarju għad-deċiżjoni; u*

*(ii) in-nullità tal-proċedura stante li l-Kummissarju ma ħa ebda xhieda bil-ġurament u qagħad fuq mera allegazzjonijiet;*

*l-appellanti jibbaża dawn l-aggravji tiegħu għax skont hu huwa ġie infurmat bl-ilment tal-appellanti* [sic!] *fit-28 ta' Ġunju, 2021 u ingħata għoxrin (20) jum biex jirrispondi u jipprovdi* image grabs *iżda l-ilment proprju tal-appellanti qatt ma ġie komunikat lilu u r-ritratti li l-appellat għadda lill-Kummissarju dawn ma kienx ġie mgħoddi kopja tagħhom u sar jaf bihom waqt dan l-appell u oltre dan dawn ir-ritratti mhux veritieri*

*u meħudin mingħajr ma kellu permess mingħandu l-appellat biex qabeż u xxabbat ma' proprjetà ta' terzi biex daħal f'din il-proprjetà fejn hemm installati s-CCTV cameras.*

*Ta' min jirrileva li din il-proprjetà hija proprjetà indiviża taż-żewġ partijiet f'dan l-appell.*

*Dwar it-tieni aggravju l-appellant jeċċepixxi n-nullità tal-proċedura stante li ebda prova li tressqet mill-Kummissarju saret bil-ġurament.*

*Illi dwar dawn iż-żewġ aggravji dan it-Tribunal wara li (i) ħa konjizzjoni tal-Kap. 586 u tal-Kap. 496 tal-Liġijiet ta' Malta, u dan stante l-artikolu 15 tal-Kap. 586 jgħid li l-Kummissarju għandu jwettaq id-dmirijiet assenjati lilu taħt dan l-Att u dan ir-Regolament u għandu jeżerċita l-funzjonijiet assenjati lilu taħt l-Att dwar il-Libertà tal-Informazzjoni u kull liġi oħra u Regolament (UE) 2016/679 li huwa parti integrali mill-Kap. 596, jirrileva dan li ġej:*

*(i) Li kemm il-Kap. 586 u l-Kap. 596 tal-Liġijiet ta' Malta ma jobbligawx lill-Kummissarju dwar kif għandu jagħmel l-investigazzjoni tiegħu wara li jirċievi ilment u huwa marbut biss mar-Regolament (UE) 2016/679 tal-Unjoni Ewropea;*

*(ii) L-artikolu 16 tal-istess Kap. 586 jiċċara li s-setgħat ta' investigazzjoni tal-Kummissarju skont l-Artikolu 58 tar-Regolament jew taħt xi liġi oħra;*

*(iii) L-artikolu 57 tal-istess Regolament jgħid li l-Kummissarju, jew awtorità superviżorja kif isejjaħlu r-Regolament għandu fost il-kompiti tiegħu li:*

57(f) tittratta lmenti mressqa minn suġġett tad-data, jew minn korp, organizzazzjoni jew assoċjazzjoni f'konformità mal-Artikolu 80, u tinvestiga, sa fejn ikun xieraq, is-suġġett tal-ilment u tinforma lill-appellat dwar il-progress u l-eżitu tal-investigazzjoni f'perijodu ta' żmien raġonevoli b'mod partikolari jekk tkun meħtieġa aktar investigazzjoni jew koordinazzjoni ma' awtorità superviżorja oħra;

*(iv) L-artikolu 58 tal-istess Regolament, imbagħad jittratta s-setgħat kollha investigattivi li għandu l-Kummissarju liema setgħat huma dawn li ġejjin:*

*Artikolu 58*

***Setgħat***

1. Kull awtorità superviżorja għandu jkollha s-setgħat investigattivi li ġejjin:

(a) tordna lill-kontrollur u l-proċessur, u, fejn applikabbli, lir-rappreżentant tal-kontrollur jew tal-proċessur biex jipprovdu kwalunkwe informazzjoni li tirrikjedi t-twettiq tal-kompiti tagħha;
(b) li twettaq investigazzjonijiet fil-forma ta' awditi tal-protezzjoni tad-data;
(ċ) li twettaq rieżami ta' ċertifikazzjonijiet maħruġa skont l-Artikolu 42(7);
(d) li tinnotifika lill-kontrollur jew il-proċessur dwar ksur allegat ta' dan ir-Regolament;
(e) li tikseb, mill-kontrollur u l-proċessur, aċċess għad-data personali kolha u għall-informazzjoni kollha meħtieġ għat-twettiq tal-kompiti tagħha;
(f) li tikseb aċċess għal kwalunkwe bini tal-kontrollur u l-proċessur, inkluż għal kwalunkwe tagħmir u mezz għall-ipproċessar tad-data, f'konformità mal-liġi proċedurali tal-Unjoni jew il-liġi proċedurali tal-Istat Membru;

2. Kull awtorità superviżorja għandu jkollha s-setgħat kollha korrettivi li ġejjin:

(a) Li toħroġ twissijiet lill-kontrollur jew proċessur li l-operazzjonijiet ta' pproċessar maħsuba x'aktarx jiksru d-dispożizzjonijiet ta' dan ir-regolament;
(b) Li ċċanfar kontrollur jew proċessur fejn l-operazzjonijiet ta' pproċessar ikunu jiksru dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament;
(c) Li tordna lill-kontrollur jew il-proċessur jikkonforma mat-talbiet tas-suġġett tad-data li jeżerċita d-drittijiet tiegħu skont dan ir-Regolament;
(d) Li tordna lill-kontrollur jew il-proċessur jagħmel operazzjonijiet ta' pproċessar konformi mad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament, fejn xieraq, b'mod speċifiku u f'perijodu ta' żmien speċifiku;
(e) Li tordna lill-kontrollur jikkomunika ksur ta' data personali lis-suġġett tad-data;
(f) Li timponi limitazzjoni temporanja jew definittiva inkluża projbizzjoni fuq l-ipproċessar;
(g) Li tordna r-rettifika jew it-tħassir ta' data personali jew ir-restrizzjoni tal-ipproċessar skont l-Artikoli 16, 17 u 18 u n-notifika ta' tali azzjonijiet lir-riċevituri li lilhom tkun ġiet żvelata d-data personali skont l-Artikolu 17(2) u l-Artikolu 19;
(h) Li tirtira ċertifikazzjoni jew li tordna lill-korp taċ-ċertifikazzjoni biex jirtira ċertifikazzjoni maħruġa skont l-Artikolu 42 u 43, jew li tordna lill-korp taċ-ċertifikazzjoni biex ma joħroġx ċertifikazzjoni jekk ma jkunux jew ma jibqgħux sodisfatti r-rekwiżiti taċ-ċertifikazzjoni;

(i) Timponi multa amministrattiva skont l-Artikolu 83, flimkien ma' jew minflok il-miżuri msemmija f'dan il-paragrafu, skont iċ-ċirkostanzi ta' kull każ individwali;

(j) Tordna s-sospensjoni ta' flussi ta' data lejn riċevitur f'pajjiż terz jew lejn organizzazzjoni internazzjonali.

3. Kull awtorità superviżorja għandu jkollha s-setgħat kollha konsultattivi u ta' awtorizzazzjoni li ġejjin:

(a) Li tagħti parir lill-kontrollur f'konformità mal-proċedura ta' konsultazzjoni minn qabel imsemmija fl-Artikolu 36;

(b) Li tagħti, fuq l-inizjattiva tagħha stess jew fuq talba, opinjonijiet lill-parlament nazzjonali, il-gvern tal-Istat Membru, jew f'konformità mal-liġi tal-Istat Membru, lil istituzzjonijiet u korpi oħra kif ukoll lill-pubbliku dwar kwalunkwe kwistjoni marbuta mal-protezzjoni tad-data personali;

(c) Li tawtorizza l-ipproċessar imsemmi fl-artikolu 36(5), jekk il-liġi tal-Istat Membru teħtieġ tali awtorizzazzjoni minn qabel;

(d) Li toħroġ opinjoni u tapprova abbozzi ta' kodiċijiet ta' kondotta skont l-Artikolu 40(5)

(e) Li takkredita korpi ta' ċertifikazzjoni skont l-Artikolu 43;

(f) Li toħroġ ċertifikazzjonijiet u tapprova kriterji ta' ċertifikazzjoni f'konformità mal-artikolu 42(5);

(g) Li tadotta l-klawżoli standard ta' protezzjoni tad-data msemmija fl-Artikolu 28(8) u fil-punt (d) tal-Artikolu 46(2);

(h) Li tawtorizza l-klawżoli kuntrattwali msemmija fil-punt (a) tal-Artikolu 46(3);

(i) Li tawtorizza l-arranġamenti amministrattivi msemmija fil-punt (b) tal-Artikolu 46(3);

(j) Li tapprova regoli korporattivi vinkolanti skont l-Artikolu 47.

4. L-eżerċizzju tas-setgħat ikkonferiti lill-awtorità superviżorja skont dan l-Artikolu għandu jkun soġġett għal salvagwardji xierqa, inkluż ir-rimedju ġudizzjarju effettiv u l-proċess ġust, stabbiliti fil-liġi tal-Unjoni u l-liġijiet tal-Unjoni Ewropea f'konformità mal-Karta.

5. Kull Stat Membru għandu jipprevedi bil-liġi li l-awtorità superviżorja tiegħu għandu jkollha s-setgħa li tiġbed l-attenzjoni tal-awtoritajiet ġudizzjarji għal ksur ta' dan ir-Regolament u, fejn xieraq, tibda jew timpenja ruħha b'mod ieħor fi proċedimenti legali, sabiex tinforza d-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament.

6. Kull Stat Membru jista' jipprevedi bil-liġi li l-awtorità superviżorja tiegħu għandu jkollha setgħat addizzjonali minbarra dawk imsemmija fil-paragrafi 1, 2 u 3. L-eżerċizzju ta' dawk is-setgħat ma għandux jostakola l-operazzjoni effettiva tal-Kapitolu VII.

*Illi għalhekk jirriżulta ċar li l-Kontrollur għandu setgħat wiesgħa ta' kif għandu jmexxi l-investigazzjoni tiegħu, li mill-provi jirriżulta li l-appellanti Alvin Scicluna biex jipprovdi kopji tal-*image grabs *meħuda mis-CCTV cameras u jagħmel is-sottomissjonijiet li jħoss li huma neċessarji għall-każ, li fis-6 ta' Lulju, 2021 l-istess Alvin Scicluna għamel dan u anke għamel is-sottomissjonijiet tiegħu, li fit-13 ta' Lulju, 2021 il-Kummissarju ta l-opportunità lil Anthony Scicluna u li għalhekk, l-ewwel żewġ aggravji tal-appellanti qed jiġu miċħuda stante li mis-sottomissjonijiet li huwa ressaq quddiem il-Kummissarju kien jaf eżatt x'kien l-ilment ta' ħuh l-appellant u jekk ma ingħatax kopja tal-ilment tal-appellant, ebda preġudizzju ma sofra l-appellanti u dwar it-tieni aggravju, ma hemm xejn fil-liġi li l-prova mressqa quddiem il-Kummissarju trid tkun bil-ġurament.*

*Għaldaqstant dawn iż-żewġ aggravji qed jiġu miċħuda.*

***Dwar l-Aggravji l-oħra***

*Illi dwar l-aggravji l-oħra kollha li fiha l-appellanti jikkontendi li ġialadarba l-għalqa għandu aċċess għaliha huwa biss mid-dar tiegħu din għandha titqies li hija proprjetà domestika a fini tal-liġi u għalhekk tapplika din l-eċċezzjoni li cameras li jagħtu għal proprjetà privata ta' min installahom ma għandhomx jitneħħew. Huwa jisħaq li għalkemm huwa ko-proprjetarju ta' din l-art il-liġi ċivili tagħtih id-dritt sabiex jissalvagwardja din il-proprjetà u installahom sabiex l-appellat ma jidħolx f'din il-proprjetà meta huwa ma għandux aċċess għaliha. Dwar dan l-appellat jikkontendi li huwa għandu aċċess għal din il-proprjetà u dan jirriżulta mill-provi.*

*Illi dan l-appell mhux każ fejn is-CCTV cameras qed jagħtu għal spazju pubbliku iżda qed jagħti għal proprjetà privata li tappartjeni liż-żewġ partijiet; li dawn il-cameras ġew installati mill-appellanti mingħajr il-kunsens tal-appellat, li l-appellat mill-provi jirriżulta li għandu aċċess għal din il-proprjetà.*

*Li l-appellanti jikkontendi wkoll li fil-każ tiegħu għandu japplika l-artikolu 3(2) tad-Direttiva 95/46 fis-sens tali attività hija eżenti għaliex tagħti għal proprjetà privata u mhux għal proprjetà pubblika u li għalhekk is-sorveljanza permezz ta' CCTV fuq art privata ma jikkonsistix f'"*lawful processing" *ai termini tal-artikolu 6(1) tar-Regolament; li dawn il-cameras qed jilħqu għan u interess leġittimu fl-ambitu tal-artikolu 6(1) (d) u (f) tar-Regolament u saru sabiex jiġu evitati abbużi mill-appellant.*

*(i) Attività personali jew domestika*

*Dan it-Tribunal jibda sabiex jirrelata jekk din l-għalqa li ma tappartjenix esklussivament lill-appellanti tistax tiġi konsidrata bħala li taqa' taħt it-tifsira ta' '<u>attività personali jew domestika</u>' fis-sens tal-Artikolu 2(2)(ċ) tal-General Data Protection Regulation (GDPR).*

*Li l-artikolu 2(2)(ċ) tar-Regolament jistabbilixxi li "*dan ir-regolament ma japplikax għall-ipproċessar ta' data personali minn persuna fiżika waqt attività purament personali jew fid-dar;

*Illi din l-eżenzjoni ġiet l-ewwel darba analizzata mill-Qorti tal-Unjoni Ewropea fil-każ ta'* ***Bodil Lindqvist Case C 101/01*** *fejn il-Qorti interpretat din l-eċċezzjoni bħala li tapplika '*covers only activities which are carried out in the course of purely private or family life of individuals ..."

*Illi l-European Data Protection Board li twaqqaf bis-saħħa tal-General Data Protection Regulation fil-Guidelines 3/2019 on the processing of personal data through video devices* jispjega li:

This provision – the so-called household exemption – in the context of video surveillance must be narrowly construed. Hence as considered by the European Court of Justice, the so called "household exemption" must "be interpreted on relating on to activities which are carried out in the course of private or family life of individuals, which is clearly not the case with the processing of personal data consisting in publication on the internet so that those data are made accessible to an indefinite number of people." Furthermore if a video surveillance system to the extent it involves the constant directed outwards from the private setting of the person processing the data in that manner, it cannot be regarded as an activity which is a purely "personal or household" activity for the purposes of the second indent of Article 3(2) of Directive 95/46".

What regards video devices operated inside a person's premises it may fall under the household exemption, it will depend on several factors, which all have to be considered in order to reach a conclusion. Besides the above-mentioned elements identified by ECJ rulings, the user of video surveillance at home needs to look at whether he has some kind of personal relationship with the data subject, whther the scale or frequency of the surveillance suggests some kind of professional activity on his side and of the surveillance's potential adverse impact on the data subjects. The presence of any single one of the aforementioned elements does not necessarily suggest that the processing is outside the scope of the household exemption, an overall assessment is needed for that determination.

*Inoltre, ma ninsewx ukoll il-prinċipju ta'* data minimization *l-istess linji gwida jiddeskrivuhom bħala "*only collecting that data which is stricly necessary as enshrined by the GDPR plays a key role in video surveillance."

*U l-artikolu 4 tal-istess Regolament jiddefinixxi "*personal data" *bħala "*as any information related to an identifiable or identifiable natural person so in the context of CCTV if you are identifiable from the images then these images can be regarded as personal data and the GDPR and Data Protection Act will apply."

*(ii) Ipproċessar tad-Data*

*Dan it-Tribunal jirreferi għal* preliminary ruling *mogħti mill-Qorti tal-Unjoni Ewropea fil-każ Regional Court Bucharest Romania vs Associata de Proprietari Bloc M5A – Scara A Case 7 – 708.18 mogħti fil-11 ta' Diċembru, 2019 (text rectified by order of 13 February, 2020) rigward installazzjoni ta' CCTV cameras fil-partijiet komuni tal-blokk tal-appartamenti. Il-Qorti f'dan il-każ iddeċidiet hekk:*

Article 6(1)(c) and Article 7(f) of Directive 95/46/EC of the European Parliament and of the Council of 24 October 1995 on the protection of individuals with regard to the processing of personal data and on the free movement of such data, read in the light of Article 7 and 8 of the Charter Fundamental Rights of the European Union, must be interpreted as not precluding national provisions which authorise the installation of a vide surveillance system, such as the system at issue in the main proceedings, installed in the common parts of a residential building, for the purposes of pursuing legitimate interests of ensuring the safety and protection of indivudals and property without the processing of personal data carried out by means of the video surveillance system at issue fulfils the conditions laid down in Article 7(f) which it is for the referring court to determine.

*Li dwar dawn it-tliet kundizzjonijiet il-Qorti Ewropea qalet hekk:* In that regard Article 7(f) of Directive 95/46 lays down three cumulative conditions in order for the processing of personal data to be lawful, namely first, the pursuit of a legitimate interest by the controller or by third party or parties to whom the data are disclosed, secondly the need to process personal data for the purposes of the legitimate interests pursued; and thirdly that the fundamental rights and freedoms of the person concerned by the data protection do not take precedence over the legitimate interest pursued (judgment of 4 May, 2017 Rigas Satiksme, C-13/16 EU: C:2017:336 paragraph 28.

(iii) *Interessi Leġittimi* (Legitimate Interests)

*Tajjeb jiġi rilevat li huwa minnu l-artikolu 7(f), 11(2) u 13(1)(d) u (g) tad-Direttiva tikkwalifika bħala* 'legitimate interests' *dak li jagħmel il-kontrollur biex jipproteġi l-proprjetà, is-saħħa u l-ħajja tiegħu u tal-familja tiegħu.*

*Li dwar l-artikolu 6 tar-Regolament jittratta meta jista' jingħad li hemm interessi leġittimi sabiex jiġu stallati dawn il-cameras, l-istess linji gwida jgħidu hekk:*

Video surveillance is lawful if it is necessary in order to meet the purpose of a legitimate interest pursued by a controller or a third party, unless such interests are overridden by the data subjects' interests or fundamental rights and freedoms (Article 6(1)(f), legitimate interests pursued by a controller or a third party can be legal, economic or non material interests. However, the controller should consider if the data subject objects to the surveillance in accordance with Article 21 the controller can only proceed with the video surveillance of that data subject if it is a compelling legitimate interest which overrides the interests, rights and freedoms of the data subject or for the establishment, exercise or defense of legal claims;

Given a real and hazardous situation the purpose to protect property against burglary, theft or vandalism can constitute a legitimate interest for video surveillance;

In general the necessity to use video surveillance to protect the controllers' premises ends at the property boundaries.

*Magħmula dawn il-konsiderazzjonijiet, dan it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi illi:*

*l-proprjetà in kwistjoni ma tikkwalifikax bħala proprjetà privata tiegħu stante li ma tappartjenix biss lilu iżda tappartjeni wkoll lil ħuh l-appellat u għalhekk l-eżenzjoni ta'* household *ma tapplikax f'dan il-każ;*

*li ma japplikawx anqas il-provvedimenti ta' ko-proprjetarju mogħtija mill-Kodiċi Ċivili tagħna stante li l-Kap. 586 hija liġi speċjali li tissorvola dak li jistipula l-Kodiċi Ċivili;*

*li l-aġir tal-appellanti sabiex ħuh l-appellat ma jidħolx f'din l-għalqa ma jikkostitwixxix* legitimate interests *li jirrikjedi l-GDPR; li għamel l-appellanti mhux biex jipproteġi l-proprjetà tiegħu iżda biex ma jħallix lil ħuh jidħol fil-proprjetà li huwa ko-proprjetarju tagħha flimkien mal-appellanti;*

*li l-appellat ipprova li għandu aċċess għal din il-proprjetà anke jekk dan l-aċċess jinvolvi li jaqbeż ħajt tas-sejjieħ baxx;*

*li hemm camera waħda żgur li taqbdu kull meta jidħol f'din il-proprjetà;*

*li l-appellanti ma jistax jaqbad jiġbed filmati tal-appellat hu ġialdarba dan mhux qed isir bil-kunsens tal-istess appellat;*

*li għalhekk l-appellant ma jistax jitqies li għandu interess leġittimu biex jagħmel dan;*

*Għaldaqstant dan it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi billi jiċħad l-appell tal-appellanti u jikkonferma d-deċiżjoni tal-Kummissarju tal-11 t' Awwissu, 2021."*

**L-Appell**

7. Fir-rikors tal-appell imressaq mill-appellant fl-14 ta' Lulju, 2023, huwa talab lil din il-Qorti tħassar id-deċiżjoni appellata, kif ukoll id-deċiżjoni tal-Kummissarju tal-11 t'Awwissu, 2021, u li tirrinvija l-atti quddiem il-Kummissarju sabiex dan jiddeċiedi skont il-liġi f'każ li jiġi milqugħ xi wieħed miż-żewġ aggravji tiegħu; u li tiġi mħassra d-deċiżjoni appellata, jekk jiġi milqugħ t-tielet aggravju tiegħu.

8. L-appellant spjega li huwa ħassu aggravat għaliex it-Tribunal ċaħad l-ewwel żewġ aggravji tiegħu. Qal li minkejja li l-Kummissarju huwa mogħni b'diversi setgħat li ttih il-liġi, u t-Tribunal ħass li kellu jikkwota mil-liġi, xejn ma jħassar il-fatt li bħala awtorità kważi-ġudizzjarja, li trid tistabbilixxi bilanċ bejn id-drittijiet ta' individwi, il-Kummissarju huwa marbut bir-regoli tal-prinċipji ta' ġustizzja naturali, ewlieni fosthom id-dritt ta' *audi alteram partem.* Qal li dan id-dover jassumi rwol aktar aċċentwat meta l-Kummissarju huwa l-entità li għandu poteri ta' sanzjoni li bihom jista' jikkastiga lill-intimat fil-proċeduri quddiemu. L-appellant qal li prinċipju ieħor li jrid jiġi osservat huwa dak tal-*equality of arms.* Qal li l-Kummissarju naqas milli josserva dan il-prinċipju meta ma kkomunikax mal-appellant dwar l-ilment li rċieva mingħand terz, u biex seta' jirrispondi, l-appellant kellu joqgħod jimmaġina u jissoponi x'seta' qal it-terz fl-ilment tiegħu. L-appellant qal li l-Kummissarju kompla jkun skorrett meta fis-6 ta' Lulju, 2021 huwa irrisponda għal ittra li rċieva mingħand il-Kummissarju u pprovda l-*image*

*grabs* mitluba, u l-Kummissarju ikkomunika din l-ittra flimkien mal-*image grabs* lir-rikorrent li għamel l-ilment oriġinali, u r-rikorrent tħalla jwieġeb għalihom permezz ta' ittra tal-avukat diifensur tiegħu tal-15 ta' Lulju, 2021 u diversi ritratti. Qal li din l-ittra u r-ritratti annessi magħha, qatt ma ġew ikkomunikati lilu u l-ewwel darba li huwa sar jaf bihom kien meta rċieva d-deċiżjoni tal-Kummissarju, billi kien hemm riferiment għalihom fid-deċiżjoni, u għalhekk jidher li kienu strumentali biex fuqhom issejset din id-deċiżjoni.

9. L-appellant qal li dawn ir-ritratti kienu foloz u ffabbrikati għall-okkażjoni, u huwa ma ngħata l-ebda opportunità sabiex jirribattihom jew iressaq kummenti dwarhom. Qal ukoll li l-persuna li għamlet l-ilment kellha l-aħħar kelma, meta din kellha tkun tiegħu. Qal li min-naħa tal-Kummissarju kien hemm element ta' ħabi mhux spjegat, meta dan naqas milli jikkomunika l-ilment, u meta naqas milli jikkomunika l-ittra li ntbagħtet fl-aħħar tal-proċeduri minn min għamel l-ilment u r-ritratti annessi magħha. Qal li b'dan l-aġir għalhekk il-Kummissarju ħoloq *inequality of arms* manifesta.

10. L-appellant qal li t-Tribunal lanqas ma kien korrett meta dan assolva lill-Kummissarju min-nuqqas meta straħ fuq sempliċi allegazzjonijiet u konġetturi li qatt ma ġew ikkonfermati bil-ġurament, partikolarment meta hemm allegazzjonijiet ta' falsità u ta' fabbrikazzjoni ta' ritratti.

11. Permezz tat-tielet aggravju tiegħu l-appellant qal li huwa ma jaqbilx mad-deċiżjoni appellata dwar l-allegat aċċess li l-appellat qal li għandu għal din l-għalqa partikolari. Qal li huwa diġà kellu okkażjoni jitkellem dwar dak li seħħ, għaliex l-appellat ipprova jiżvija lill-Kummissarju billi klandestinament ixxabbat mal-ħajt, qabeż għal ġol-ġardina għal fejn jagħtu l-kameras, u ġiegħel lil min

jeħodlu ritratti biex juri li għandu aċċess, meta dan mhux minnu. Qal li min-naħa l-oħra t-Tribunal irraġuna li ladarba l-appellat għandu xi forma ta' aċċess, hu kif inhu, dan għandu jiġi meqjus bħala aċċess għall-art, u għalhekk il-kameras tas-sigurtà qegħdin hemm bi preġudizzju għalih. L-appellant qal li l-fatti huma li din l-art tinsab wara d-dar tiegħu, u tintlaħaq biss mid-dar tiegħu u minn imkien aktar. Qal li fil-fatt ġew prodotti ritratti li juru li din l-art hija ċċirkondata b'diversi ħitan. Kompla jgħid li huwa biss jidħol fl-art u ħadd aktar, u huwa għamel dawn il-kameras proprju sabiex jissalvagwardja l-proprjetà tiegħu minn xi ħadd li jista' jixxabbat mal-ħitan u jispiċċa f'daru. Qal li r-raġuni għalfejn l-appellat qiegħed iressaq l-ilment tiegħu, mhijiex ibbażata fuq biżgħa ta' invażjoni tal-privatezza, għaliex f'din l-art ma jista' jidħol ħadd, iżda għall-pika u l-vessazzjoni, għaliex l-appellat m'għandux relazzjoni tajba mal-kumplament ta' ħutu. Qal li l-uniku aċċess li akkwista l-appellat għal din l-art huwa billi klandestinament qabeż ħajt ta' terzi mit-triq, mexa fl-għalqa ta' terzi, u aċċeda għall-art fejn ippoża għal xi ritratti.

12. L-appellant spjega li l-aċċess li jrid ikollu min jagħmel l-ilment għandu jkun wieħed leċitu u mhux wieħed klandestin jew kontra l-liġi. Qal li kulħadd jista' jaqbeż il-ħitan tan-nies klandestinament, iżda dan ċertament ma jagħmilx l-għelieqi milħuqa aċċessibbli. Qal ukoll li lanqas fil-mori ta' dawn il-proċeduri dan ma jista' jsir, għaliex l-art ġiet skavata u qed tinbena, u żied jgħid li aċċess klandestin ma jistax jitqies bħala aċċess tajjeb għall-finijiet tal-liġi. Qal li għalhekk, ladarba huwa l-unika persuna li tista' taċċedi għall -art, huwa kellu dritt jagħmel il-kameras tas-sigurtà għaliex ma kien ser jirfes il-jeddijiet ta' ħadd, irrispettivament mill-fatt li l-appellat għandu sehem ta' sest mill-imsemmija art.

**Ir-Risposta tal-Appell**

13. L-appellat wieġeb li r-rikors tal-appell intavolat mill-appellant huwa infondat u għandu jiġi miċħud, u għalhekk din il-Qorti għandha tikkonferma li d-deċiżjoni appellata hija dik korretta.

14. B'riferiment għall-ewwel aggravju mressaq mill-appellant, l-appellat qal li mhux minnu li kien hemm ksur tal-prinċipji tal-*audi alteram partem* jew ta' xi difiża. Qal li l-ilment oriġinali tiegħu kien riprodott fl-ittra tal-Kummissarju lill-appellant, u għalhekk dan kien aċċessibbli għalih. Qal li huwa ironiku kif l-appellant jgħid li hemm ħabi mhux spjegat min-naħa tal-Kummissarju, meta l-appellant stess skarta l-fatt li l-ilment oriġinali kien riprodott fl-ittra tal-Kummissarju lill-appellant, u dan b'turija ċara li ma kien hemm ebda ħabi. Qal ukoll li l-appellant qiegħed jipprova jpinġi stampa qarrieqa tas-sitwazzjoni fil-każ odjern, u fil-fatt dan ingħata l-opportunità li jiddefendi lilu nnifsu permezz ta' risposta. Qal ukoll li l-liġi tagħti jedd ta' appell mid-deċiżjoni tal-Kummissarju quddiem it-Tribunal, u mid-deċiżjoni tat-Tribunal quddiem din il-Qorti tal-Appell, u għalhekk il-jeddijiet tiegħu kienu mħarsa sew.

15. B'riferiment għat-tieni aggravju tal-appellant, l-appellat qal li għalkemm l-ebda prova mressqa quddiem il-Kummissarju ma kienet ikkonfermata bil-ġurament, m'hemm l-ebda provvediment fil-liġi li jorbot lill-Kummissarju jitlob provi ġuramentati mingħand il-partijiet. Qal li għalhekk, u ladarba m'hemm l-ebda provvediment fil-liġi li jgħid li din is-sitwazzjoni għandha tissarraf f'nullità, it-Tribunal għandu jitqies li mexa korrettement u skont id-dettami tal-liġi.

16. L-appellat qal li hemm element ta' *overlap* bejn l-ewwel u t-tieni aggravji mressqa mill-appellant, u semma kif it-Tribunal għamel riferiment ukoll għall-Att dwar il-Libertà tal-Informazzjoni, li ma għandux rekwiżiti speċifiċi dwar kif l-Kummissarju għandu jagħmel u jmexxi l-investigazzjonijiet tiegħu wara li jkun irċieva ilment, u li huwa marbut unikament mar-Regolament 2016/679. Qal ukoll li l-Kummissarju għandu setgħat investigattivi taħt il-Kap. 586, u fil-każ odjern ma jirriżultax ksur ta' dawn is-setgħat jew li l-Kummissarju mar lil hinn minn dak li tipprovdi l-liġi. L-appellat qal li t-Tribunal qabel għadda għad-deċiżjoni tiegħu, sema' x-xhieda u l-kontro-eżamijiet, u għalhekk il-pożizzjoni rispettiva tal-partijiet kienet magħrufa mit-Tribunal. L-appellat qal li apparti li ma hemm l-ebda għelt proċedurali min-naħa tal-Kummissarju fl-investigazzjoni tiegħu, lanqas jirriżulta xi preġudizzju għall-partijiet, għaliex il-provi li dehrilhom li għandhom iressqu quddiem it-Tribunal ġew imressqa bil-ġurament.

17. B'riferiment għat-tielet aggravju tal-appellant, l-appellat qal li huwa għandu sehem ta' sest indiviż (1/6) mill-għalqa, u għalhekk isegwi li huwa għadu jippossjedi l-istess porzjon komunement mal-appellant u ma' oħtu. Qal li minkejja l-allegazzjonijiet tal-appellant, huwa wkoll għandu sehem mill-għalqa in kwistjoni, u għalhekk għandu jedd jaċċedi għaliha, u dan id-dritt ġie kkonfermat b'sentenza tal-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) tad-29 ta' Marzu, 2023. Qal li ladarba l-għalqa ma tappartjenix lill-appellant b'mod esklussiv, l-eżenzjoni *ai termini* tal-artikolu 4(1)(ċ) tal-Kap.586 tal-Liġijiet ta' Malta, li jistipula illi l-Att m'għandux japplika għall-ipproċessar ta' *data* personali *"minn persuna fiżika waqt attività purament personali jew fid-dar"*, mhijiex applikabbli għal dawn iċ-ċirkostanzi. Qal li mill-assjem tal-provi, għandu jirriżulta b'mod ċar li l-kameras in kwistjoni ma kinux maħsuba biex jipproteġu l-proprjetà tal-

appellant, imma biex l-appellant jintimida lill-appellat u ma jħallihx jeżerċita iżjed l-aċċess li għandu fuq din l-għalqa. Kompla jgħid li ma hemm l-ebda skopijiet leġittimi wara l-installazzjoni ta' dawn il-kameras, imma saru biss bil-ħsieb li jivvjolaw il-jedd tal-privatezza tiegħu, u jippruvaw jintimidawh sabiex ma jersaqx aktar lejn l-għalqa li huwa wkoll għandu sehem minnha. L-appellat qal li huwa l-appellant li qiegħed jittenta jivvessa lilu b'dan l-aġir, u l-vessazzjoni tidher b'mod ċar mill-ksur tad-drittijiet tal-privatezza tiegħu għaliex bħala sid ta' porzjon indiviż minn din l-art, huwa għandu dritt ikollu aċċess għaliha f'kull ħin. Qal li f'dan l-istadju ta' appell ma jistax ikun hemm tentattiv biex isir apprezzament tal-provi mill-ġdid, u ma hemm l-ebda raġuni gravi sabiex l-apprezzament tal-provi li sar mit-Tribunal jiġi ddisturbat.

18. L-appellat temm jgħid li l-appellant, mingħajr ma talab permess lil din il-qorti, ippreżenta tliet ritratti in sostenn tat-tielet aggravju tiegħu, bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-artikolu 145 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

<u>**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**</u>

19. Din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkonsidra l-aggravji mressqa mill-appellant fir-rikors tal-appell tiegħu, u dan fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet magħmula mit-Tribunal fid-deċiżjoni appellata, u tas-sottomissjonijiet magħmula mill-appellat.

<u>*L-Ewwel Aggravju*</u>

20. L-appellant jgħid li huwa ma jaqbilx mal-konklużjoni li wasal għaliha t-Tribunal fl-istħarriġ tal-aggravju li huwa ressaq quddiemu, rigward il-mod kif il-

Kummissarju mexxa l-proċeduri fil-konfront tal-partijiet. L-appellant jgħid li l-Kummissarju huwa marbut bil-prinċipji ta' ġustizzja naturali, fosthom il-prinċipju tal-*audi alteram partem,* u l-obbligu li josserva l-prinċipju tal-*equality of arms* fil-konfront tal-partijiet. L-appellant qal li l-Kummissarju ma kkomunikax lilu l-ilment tat-terz, u għalhekk huwa kien ippreġudikat meta ġie biex jippreżenta r-risposta tiegħu għaliex ma ngħatax id-dettalji kollha dwar l-ilment li sar. Qal ukoll li l-Kummissarju ma mexiex b'mod korrett għaliex wara li fis-6 ta' Lulju, 2021, huwa ppreżenta s-sottomissjonijiet tiegħu, u pprovda l-*image grabs* mitluba lilu mill-Kummissarju, il-Kummissarju bagħat din il-korrispondenza lill-appellat, li min-naħa tiegħu rrisponda għaliha u annetta mar-risposta tiegħu diversi ritratti li l-appellant jgħid li kienu fabbrikati u foloz, imma dawn ma ntbagħtux lill-appellant. L-appellant jgħid li dan sar bi ksur tal-jeddijiet tiegħu, u huwa safa ppreġudikat għaliex l-aħħar kelma f'dawn il-proċeduri kienet tal-persuna li ressqet l-ilment u mhux tal-persuna li kellha twieġeb għall-ilment. L-appellant qal li dan kien ta' preġudizzju għalih, għaliex il-Kummissarju fid-deċiżjoni finali tiegħu, għamel riferiment għal dawn ir-ritratti li ma jirrappreżentawx ir-realtà tas-sitwazzjoni b'mod veritier.

21. Il-Qorti kkunsidrat l-atti ta' dawn il-proċeduri fl-intier tagħhom, inkluż l-atti tal-proċeduri quddiem it-Tribunal u quddiem il-Kummissarju, li wasslu għall-appell odjern. Mill-atti jirriżulta li l-appellant ġie infurmat bl-ilment li sar mill-appellat dwar l-aġir tiegħu, u ngħata l-opportunità li jwieġeb u li jagħmel is-sottomissjonijiet tiegħu. L-appellant ipproduċa numru ta' *image grabs* li ttieħdu mill-kameras in kwistjoni, u pprovda wkoll spjegazzjoni dwar x'kien li wasslu jinstalla dawn il-kameras li jħarsu fuq l-art li tinsab miżmuma mill-partijiet b'mod indiviż anki jekk mhux f'porzjonijiet ugwali bejniethom. Din l-

informazzjoni ġiet ikkomunikata lill-appellat, li min-naħa tiegħu tħalla jagħmel l-osservazzjonijiet tiegħu dwarha, inkluż billi huwa wkoll ressaq diversi ritratti li ttieħdu f'din l-għalqa, sabiex juri li huwa wkoll għandu aċċess għall-art, u sabiex jilqa' għad-difiża tal-appellant. L-appellant jgħid li r-ritratti prodotti mill-appellat huma ffabbrikati jew foloz, u huwa għalhekk li ġie ppreġudikat għaliex huwa ma tħalliex jirribatti għal dak li ġie allegat mill-appellat. Din l-allegazzjoni saret ukoll quddiem it-Tribunal, li fid-deċiżjoni tiegħu qies li l-Kummissarju għandu setgħat wiesgħa dwar kif għandu jmexxi l-investigazzjoni tiegħu, u m'hemm xejn fil-liġi li jgħid li l-Kummissarju għandu jinsisti għal provi ġuramentati fl-istħarriġ tal-ilment li jkollu quddiemu.

22. Il-Qorti, filwaqt li tirrileva li huwa minnu li l-liġi tagħti lill-Kummissarju poteri wiesgħa dwar il-mod kif għandu jmexxi l-istħarriġ tal-ilmenti li jkollu quddiemu, tqis li fil-każ odjern dak li wassal lill-Kummisarju għad-deċiżjoni finali tiegħu, ma kinux ir-ritratti esebiti mill-appellat, iżda l-fatt li dan qies li b'mod oġġettiv jirriżulta li l-appellat irnexxielu jipprova li huwa wkoll sid ta' sehem indiviż mill-art, u għalhekk isegwi li huwa għandu dritt jaċċedi għall-art u jagħmel użu minnha. X'isir fil-prattika huwa immaterjali. Kienet il-konsiderazzjoni dwar min huwa attwalment is-sid tal-art li wasslet għad-deċiżjoni finali tal-Kummissarju, li l-kameras kellhom jiġu aġġustati b'tali mod li jkunu jagħtu biss għal fuq il-proprjetà tal-appellant, wara li l-Kummissarju qies li l-appellant mhuwiex l-uniku sid tal-għalqa in kwistjoni. Il-Qorti tqis li, ladarba jirriżulta li l-Kummissarju straħ fuq provi oġġettivi permezz ta' kuntratti, sentenzi tal-Qorti, u fuq dak li ntqal mill-partijiet, m'hemmx x'wieħed jista' jikkritika fil-mod kif il-Kummissarju fittex li jasal għad-deċiżjoni finali tiegħu. Kif qal tajjeb it-Tribunal, il-Kummissarju għandu poteri wiesgħa bil-mod kif inhu

fdat li jmexxi l-investigazzjoni tiegħu, u fil-każ odjern jirriżulta li huwa kien konvint mill-provi oġġettivi li tressqu quddiemu. Ma jistax jingħad li l-Kummissarju wasal għall-konklużjoni li l-appellat għandu aċċess għal din l-art minħabba fir-ritratti esebiti minnu, iżda tali konklużjoni l-Kummissarju wasal għaliha mill-provi l-oħra li ġew esebiti. Kien għalhekk li huwa kkonkluda li l-appellant għandu jagħmel l-aġġustamenti meħtieġa għaliex ma jistax jgħid li tapplika għalih ir-regola tal-eżenzjoni domestika. Għaldaqstant tqis li dan l-aggravju mhuwiex mistħoqq, u sejra tiċħdu.

*<u>It-Tieni Aggravju</u>*

23. Permezz tat-tieni aggravju tiegħu, li sa ċertu punt huwa konness ukoll mal-ewwel aggravju tiegħu, l-appellant jgħid li t-Tribunal ma kienx korrett meta straħ fuq ċerti allegazzjonijiet u konġetturi. L-appellant isostni li r-ritratti esebiti mill-appellat huma foloz jew ffabbrikati, u biex ittieħdu l-appellat aċċeda fl-għalqa b'mod klandestin, u dan billi l-appellat m'għandux mezz kif jaċċedi għal din l-għalqa.

24. Il-Qorti tirrileva li hemm numru ta' provi oġġettivi li tressqu fil-każ odjern, li juru li l-appellat fil-fatt huwa s-sid ta' sest indiviż tal-għalqa, u għandu jsegwi li huwa għandu dritt jaċċedi għaliha mingħajr ma l-movimenti tiegħu jiġu osservati mill-kameras li ġew installati mill-appellant. Fil-każ odjern jirriżulta li l-Kummissarju eżerċita l-poteri investigattivi tiegħu kollha sabiex jistħarreġ l-ilment li kellu quddiemu, u kkonkluda li l-appellat għandu jedd jaċċedi għall-għalqa. Bid-deċiżjoni tiegħu l-Kummissarju kkonkluda li l-appellant ma kienx korrett fl-aġir tiegħu, meta nvoka r-regola tal-eżenzjoni domestika, ladarba

jirriżulta li huwa mhuwiex l-uniku sid tal-għalqa. Għaldaqstant il-Qorti ma ssibx li d-deċiżjoni tat-Tribunal jew tal-Kummissarju huma bbażati fuq allegazzjonijiet li mhumiex ippruvati jew saħansitra fuq konġetturi kif jilmenta l-appellant, għaliex dan ma jirriżultax li huwa l-każ. In vista ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, din il-Qorti tqis li dan l-aggravju mhuwiex ġustifikat, u sejra tiċħdu.

*<u>It-Tielet Aggravju</u>*

25. L-appellant isostni li mhux minnu li l-appellat għandu aċċess għal din l-għalqa. Jgħid li din l-art hija interkjuża, u l-aċċess għaliha huwa biss mid-dar tiegħu. L-appellant għalhekk isostni li m'hemm l-ebda ksur tad-drittijiet tal-appellat għaliex dan ma jistax jidħol fl-għalqa jekk mhux b'mod klandestin, u għalhekk it-tqegħid minnu ta' kameras li jħarsu lejn din l-art, ma jilledi l-ebda jeddijiet ta' protezzjoni ta' data personali tal-appellat.

26. Il-Qorti tirrileva li jirriżulta li l-appellat huwa wkoll sid ta' sehem indiviż tal-għalqa, u għalhekk irrispettivament minn jekk oġġettivament jistax jaċċedi għaliha jew le, bħala fatt huwa għandu dritt jaċċedi għall-għalqa. Dan ifisser li ladarba ġie ppruvat li l-appellant mhux is-sid tal-għalqa b'mod esklussiv, l-eżenzjoni taħt l-artikolu 4(1)(ċ) tal-Kap. 586 tal-Liġijiet ta' Malta, ma tapplikax f'dawn iċ-ċirkostanzi. Il-Qorti tirrileva li ladarba l-appellant jinsisti li għandu dritt iħares il-proprjetà tiegħu, huwa ma ntalabx ineħħi l-kameras li hemm fuq is-sit, iżda ntalab jaġġusta l-angolu tagħhom, b'tali mod li huwa ma jkunx fil-kontroll u ma jiksibx data personali tat-terzi, li wkoll għandhom id-dritt jaċċedu għall-għalqa. Għalhekk tqis li dan l-aggravju mhuwiex ġustifikat, u għalhekk sejjer jiġi miċħud ukoll.

**Decide**

**Għar-raġunijiet premessi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi dwar dan l-appell, billi tiċħad l-aggravji mressqa mill-appellant, filwaqt li tikkonferma d-deċiżjoni appellata fl-intier tagħha, fejn kienet ġiet ikkonfermata d-deċiżjoni tal-Kummissarju tal-11 t'Awwissu, 2021.**

**L-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri fiż-żewġ istanzi huma a karigu tal-appellant.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**